# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2018/2076

## tal-20 ta' Diċembru 2018

## li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]),

Billi:

(1) Meta jenħtieġ li att jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dik il-perċentwali tiġi kkalkolata skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura").

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jinkludi wkoll iċ-ċifri applikabbli mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

**Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill**

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sad-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019, għandhom ikunu kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 82 719 022 | 16,12 |
| Franza | 67 221 943 | 13,10 |
| Renju Unit | 66 238 007 | 12,90 |

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%) |
|---|---|---|
| Italja | 61 166 142 | 11,92 |
| Spanja | 46 659 302 | 9,09 |
| Polonja | 37 976 687 | 7,40 |
| Rumanija | 19 523 621 | 3,80 |
| Netherlands | 17 321 110 | 3,37 |
| Belġju | 11 413 058 | 2,22 |
| Greċja | 10 738 928 | 2,09 |
| Ċekja | 10 493 154 | 2,04 |
| Portugall | 10 291 027 | 2,00 |
| Żvezja | 10 157 000 | 1,98 |
| Ungerija | 9 778 371 | 1,91 |
| Awstrija | 8 802 000 | 1,71 |
| Bulgarija | 7 050 034 | 1,37 |
| Danimarka | 5 774 877 | 1,13 |
| Finlandja | 5 501 930 | 1,07 |
| Slovakkja | 5 443 120 | 1,06 |
| Irlanda | 4 830 392 | 0,94 |
| Kroazja | 4 105 493 | 0,80 |
| Litwanja | 2 808 901 | 0,55 |
| Slovenja | 2 066 880 | 0,40 |
| Latvja | 1 934 379 | 0,38 |
| Estonja | 1 319 133 | 0,26 |
| Ċipru | 864 236 | 0,17 |
| Lussemburgu | 600 124 | 0,12 |
| Malta | 475 701 | 0,09 |
| UE 28 | 513 274 572 | |
| Livell limitu (65 %) | 333 628 472 | |

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2019, għandhom ikunu kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni | Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 82 719 022 | 18,50 |
| Franza | 67 221 943 | 15,04 |
| Italja | 61 166 142 | 13,68 |
| Spanja | 46 659 302 | 10,44 |
| Polonja | 37 976 687 | 8,50 |
| Rumanija | 19 523 621 | 4,37 |
| Netherlands | 17 321 110 | 3,87 |
| Belġju | 11 413 058 | 2,55 |
| Greċja | 10 738 928 | 2,40 |
| Ċekja | 10 493 154 | 2,35 |
| Portugall | 10 291 027 | 2,30 |
| Żvezja | 10 157 000 | 2,27 |
| Ungerija | 9 778 371 | 2,19 |
| Awstrija | 8 802 000 | 1,97 |
| Bulgarija | 7 050 034 | 1,58 |
| Danimarka | 5 774 877 | 1,29 |
| Finlandja | 5 501 930 | 1,23 |
| Slovakkja | 5 443 120 | 1,22 |
| Irlanda | 4 830 392 | 1,08 |
| Kroazja | 4 105 493 | 0,92 |
| Litwanja | 2 808 901 | 0,59 |
| Slovenja | 2 066 880 | 0,46 |
| Latvja | 1 934 379 | 0,43 |
| Estonja | 1 319 133 | 0,30 |
| Ċipru | 864 236 | 0,19 |
| Lussemburgu | 600 124 | 0,13 |
| Malta | 475 701 | 0,11 |
| UE 27 | 447 036 565 | |
| Livell limitu (65 %) | 290 573 768" | |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. KÖSTINGER